



**Kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali fid-dritt tal-kompetizzjoni:
il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-protezzjoni offruta mid-dritt tal-Unjoni Ewropea
kontra l-kriminalità doppja**

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta") tipprovdi li "[l]-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux f'aktar minn kull waħda mill-protezzjonijiet tal-Unjoni b'sentenza li daħlet in għodid skond il-liġi". Permezz ta' żewġ sentenzi mogħtija llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-portata tal-protezzjoni offruta minn din il-projbizzjoni tal-kriminalità doppja (li tissejjaħ ukoll il-prinċipju ta' *ne bis in idem*) fid-dritt tal-kompetizzjoni.

Kawża bpost

Il-kumpannija bpost ġiet suċċessivament suġġetta għal multi minn żewġ awtoritajiet nazzjonali. F'Lulju 2011, l-ewwel sanzjoni pekunjarja ta' EUR 2.3 miljuni ġiet imposta fuqha mill-Awtorità Regolatorja tas-Settur Postali li kkonkludiet li l-iskema ta' skont applikata minn bpost mis-sena 2010 kienet diskriminatorja lejn uħud mill-klijenti tagħha. F'Marzu 2016, din id-deċiżjoni ġiet annullata mill-Qorti tal-Appell ta' Brussell li s-sentenza tagħha saret definittiva,¹ minħabba li l-prattika tariffarja inkwistjoni ma kinitx diskriminatorja.

F'Diċembru 2012, l-Awtorità tal-Kompetizzjoni kienet fil-frattemp imponiet fuq bpost muta ta' qrib EUR 37.4 miljun għal abbuż minn pożizzjoni dominanti minħabba l-applikazzjoni ta' din l-istess sistema ta' skont bejn Jannar 2010 u Lulju 2011. Il-kumpannija bpost tikkontesta quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Brussell ir-regolarità ta' din it-tieni proċedura f'isem il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Kawża Nordzucker et

Il-Qorti Suprema tal-Awstrija hija adita b'appell mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Awstrijaka fi proċedura intiża sabiex jiġi kkonstatat li Nordzucker, produttriċi taz-zokkor Ġermaniża, kisret id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-akkordji kif ukoll id-dritt tal-kompetizzjoni Awstrijak u kkundannat lil Südzucker, produttriċi taz-zokkor Ġermaniża oħra, għal multa għall-istess ksur. Din il-proċedura hija bbażata, b'mod partikolari, fuq konverżazzjoni telefonika li matulha rappreżentanti ta' dawn iż-żewġ impriżi ddiskutew is-suq taz-zokkor Awstrijak. Din il-konverżazzjoni kienet diġà ssemmiet, mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Ġermaniża, f'deċiżjoni li saret definittiva. Permezz ta' din id-deċiżjoni, din l-awtorità kkonstatat li ż-żewġ impriżi kienu kisru kemm id-dritt tal-Unjoni kif ukoll id-dritt Ġermaniż tal-kompetizzjoni u imponiet sanzjoni pekunjarja ta' EUR 195.5 miljun fuq Südzucker.

Bl-Awla Manja bħala kulleġġ għodikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, fiż-żewġ kawżi, li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa suġġett għal kundizzjoni doppja: huwa neċessarju, minn naħa, li deċiżjoni preċedenti tkun saret definittiva (kundizzjoni "*bis*") u, min-naħa

¹ Din is-sentenza ngħatat wara rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-11 ta' Frar 2015, bpost, [C-340/13](#)).

I-oħra, li l-istess fatti jissemmew mid-deċiżjoni preċedenti u mill-proċeduri jew mid-deċiżjonijiet sussegwenti (kundizzjoni “idem”).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, **fid-dritt tal-kompetizzjoni, bħal f’kull qasam ieħor tad-dritt tal-Unjoni, il-kriterju rilevanti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-istess reat (“idem”) huwa dak tal-identikità tal-fatti materjali**, mifhuma bħala l-eżistenza ta’ ġabra ta’ ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom li wasslu sabiex il-persuna kkonċernata tinħeles jew tiġi kkundannata b’mod definittiv. Madankollu hija tfakkar li permezz tal-liġi jistgħu jiġu imposti limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta’ dritt fundamentali, bħal dak li jingħata permezz tal-projbizzjoni tal-kriminalità doppja (il-prinċipju ta’ *ne bis in idem*), jekk dawn jirrispettaw il-kontenut essenzjali ta’ dawn id-drittijiet, huma neċessarji u effettivament jissodisfaw għanijiet ta’ interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni.

Kawża bpost

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-protezzjoni mogħtija mill-Karta ma tipprekcludix, b’kunsiderazzjoni ta’ din il-possibbiltà li tiġi limitata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ *ne bis in idem*, li impriża tiġi ssanzjonata għal **ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni** meta, għall-istess fatti, hija kienet diġà s-suġġett ta’ deċiżjoni definittiva għan-nuqqas ta’ osservanza ta’ leġiżlazzjoni settorjali (pereżempju, il-leġiżlazzjoni tas-settur postali li tirregola l-attivitajiet ta’ bpost). Madankollu, dan il-kumulu ta’ proċeduri u ta’ sanzjonijiet huwa kundizzjonat mill-eżistenza ta’ regoli ċari u preċiżi li jippermettu li jiġi previst liema atti u ommissjonijiet jistgħu jkunu s-suġġett tiegħu kif ukoll il-koordinazzjoni bejn iż-żewġ awtoritajiet kompetenti. Minbarra dan, iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu tmexxew b’mod suffiċjentement ikkoordinat **f’intervall ta’ żmien qrib u s-sanzjonijiet imposti kollha għandhom jikkorrispondu għall-gravità tal-ksur imwettaq. Jekk le, it-tieni awtorità pubblika li tintervjeni tikser il-projbizzjoni tal-kriminalità doppja meta tiftaħ proċeduri.**

Kawża Nordzucker

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta’ *ne bis in idem* **ma jipprekudix** li jitressqu proċeduri kontra impriża, mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta’ Stat Membru, u li tiġi imposta multa fuqha għal ksur minħabba **aġir li kellu għan jew effett antikompetittiv fit-territorju ta’ dan l-Istat Membru**, meta dan l-aġir **diġà ssemma**, minn awtorità tal-kompetizzjoni ta’ Stat Membru ieħor, f’**deċiżjoni definittiva**. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni li **din id-deċiżjoni tal-aħħar ma għandhiex tkun ibbażata fuq il-konstatazzjoni ta’ għan jew ta’ effett antikompetittiv fit-territorju tal-ewwel Stat Membru**. Għall-kuntrarju, jekk dan ikun il-każ, **it-tieni awtorità tal-kompetizzjoni li tiftaħ proċeduri dwar dan il-għan jew dan l-effett tikser il-projbizzjoni tal-kriminalità doppja.**

L-aħħar domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja f’din il-kawża tirrigwarda l-applikabbiltà tal-prinċipju ta’ *ne bis in idem* għall-proċeduri li kkonċernaw l-applikazzjoni ta’ programm ta’ klemenza u li fihom ma kinitx ġiet imposta multa. Il-Qorti tal-Ġustizzja tindika f’dan ir-rigward li l-prinċipju ta’ *ne bis in idem* japplika għal proċedura ta’ implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni li fiha, minħabba l-parteċipazzjoni tal-parti kkonċernata fil-programm nazzjonali ta’ klemenza, ksur ta’ dan id-dritt jista’ biss jiġi kkonstatat.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza u tas-sunti ([C-117/20](#) u [C-151/20](#)) jinstabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355